2024/845

14.3.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/845

tat-12 ta' Marzu 2024

li tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2024 u l-31 ta' Lulju 2025 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/655

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 ([2]), l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema ta' għajnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex għall-iskejjel, u ħalib għall-iskejjel fl-istabbilimenti edukattivi (l-iskema tal-iskejjel), għandhom jippreżentaw it-talba tagħhom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika li jmiss, u jekk applikabbli, jaġġornaw it-talba għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika attwali.

(2) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-iskema tal-iskejjel, jenħtieġ li tiġi ffissata l-allokazzjoni tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib għall-iskejjel fost l-Istati Membri parteċipanti, abbażi tal-ammonti indikati fit-talba għall-għajnuna tal-Unjoni minn dawk l-Istati Membri u billi jitqiesu t-trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet indikattivi tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 23a(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(3) L-Istati Membri kollha nnotifikaw lill-Kummissjoni bit-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2024 u l-31 ta' Lulju 2025, billi speċifikaw l-ammont ta' għajnuna mitluba għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel jew għall-ħalib għall-iskejjel, jew għaż-żewġ partijiet tal-iskema. Fil-każ tal-Belġju, ta' Malta, tan-Netherlands u tal-Iżvezja, l-ammonti mitluba qiesu t-trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet indikattivi.

(4) Sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal sħiħ tal-fondi disponibbli, jenħtieġ li l-għajnuna tal-Unjoni li ma tintalabx tiġi allokata mill-ġdid lill-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema tal-iskejjel, u li fit-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni jindikaw li huma lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva tagħhom, dejjem jekk ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali.

(5) Fit-talba tagħha għall-għajnuna tal-Unjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2024 u l-31 ta' Lulju 2025, l-Iżvezja talbet anqas mill-allokazzjoni indikattiva għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel. Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja nnotifikaw li huma lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel. Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u l-Iżvezja nnotifikaw li huma lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva għall-ħalib għall-iskejjel. Madankollu, l-ebda Stat Membru ma talab anqas mill-allokazzjoni indikattiva għall-ħalib għall-iskejjel.

(6) Abbażi tal-informazzjoni notifikata mill-Istati Membri, jenħtieġ li tiġi ffissata l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2024 u l-31 ta' Lulju 2025.

([1]) ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1370/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/39/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/655 ([4]) tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel fost l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024.

(8) Fin-notifiki mressqa sal-31 ta' Jannar 2024 skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, xi Stati Membri aġġornaw it-talba tagħhom għall-għajnuna tal-Unjoni b'rabta mas-sena skolastika 2023/2024. Il-Ġermanja, l-Ungerija u Malta nnotifikaw it-trasferimenti bejn l-allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u l-allokazzjoni definittiva għall-ħalib għall-iskejjel. Spanja talbet inqas mill-allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel. Iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, u s-Slovakkja nnotifikaw li huma lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel. Spanja u n-Netherlands talbu anqas mill-allokazzjoni definittiva għall-ħalib għall-iskejjel. Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Iżvezja nnotifikaw li huma lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni definittiva għall-ħalib għall-iskejjel.

(9) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/655 tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib għall-iskejjel fost l-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2024 u l-31 ta' Lulju 2025 hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2023/655 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/655 tal-10 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna tal-Unjoni lill-Istati Membri għall-frott u l-ħxejjex fl-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2023 u l-31 ta' Lulju 2024 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/493 (ĠU L 81, 21.3.2023, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/655/oj).

ANNESS I

Is-sena skolastika 2024/2025

Stat Membru	Allokazzjoni definittiva għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel f'EUR	Allokazzjoni definittiva għall-ħalib għall-iskejjel f'EUR
Il-Belġju	3 866 136	1 383 066
Il-Bulgarija	2 185 083	1 800 090
Iċ-Ċekja	3 471 298	3 048 057
Id-Danimarka	1 738 084	1 632 431
Il-Ġermanja	21 214 288	8 910 720
L-Estonja	412 171	754 955
L-Irlanda	1 964 838	826 537
Il-Greċja	3 149 503	1 464 086
Spanja	13 917 417	6 023 462
Franza	22 720 501	9 979 209
Il-Kroazja	1 319 431	610 533
L-Italja	15 293 816	6 910 347
Ċipru	300 835	252 652
Il-Latvja	672 013	868 581
Il-Litwanja	923 640	1 236 781
Il-Lussemburgu	297 664	193 000
L-Ungerija	2 995 664	2 970 122
Malta	312 950	170 050
In-Netherlands	5 721 331	1 632 699
L-Awstrija	2 415 705	1 015 027
Il-Polonja	12 559 346	12 791 591
Il-Portugall	2 804 412	1 301 261
Ir-Rumanija	6 178 236	11 303 390
Is-Slovenja	689 465	305 638
Is-Slovakkja	1 915 441	1 659 402
Il-Finlandja	1 672 943	2 731 455
L-Iżvezja	0	8 316 782
Totali	**130 712 211**	**90 091 924**

ANNESS II

"ANNESS I

Sena skolastika 2023/2024

Stat Membru	Allokazzjoni definittiva għall- frott u l-ħxejjex għall-iskejjel f'EUR	Allokazzjoni definittiva għall- ħalib għall-iskejjel f'EUR
Il-Belġju	3 815 785	1 433 417
Il-Bulgarija	2 185 256	1 800 090
Iċ-Ċekja	3 507 158	3 124 223
Id-Danimarka	1 739 147	1 632 431
Il-Ġermanja	20 984 737	9 628 111
L-Estonja	416 641	764 787
L-Irlanda	1 986 571	873 414
Il-Greċja	3 149 503	1 464 086
Spanja	13 751 007	5 736 134
Franza	18 176 401	14 523 309
Il-Kroazja	1 322 043	610 533
L-Italja	15 293 816	6 910 347
Ċipru	300 828	252 652
Il-Latvja	677 025	882 003
Il-Litwanja	932 083	1 256 256
Il-Lussemburgu	299 593	197 646
L-Ungerija	3 588 755	2 376 098
Malta	314 320	170 050
In-Netherlands	5 776 465	932 699
L-Awstrija	2 439 606	1 072 595
Il-Polonja	12 565 488	12 791 591
Il-Portugall	2 804 412	1 301 261
Ir-Rumanija	6 178 236	11 433 734
Is-Slovenja	689 729	305 638
Is-Slovakkja	1 932 221	1 698 579
Il-Finlandja	1 672 943	2 731 455
L-Iżvezja	0	8 401 227
Totali	**126 499 769**	**94 304 366"**